MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 117/2003

**Colour Chart Co Limited**

**vs**

**Mtarfa Glass Blowers Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta’ Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici resqet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ elfejn tlett mija u disgha u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (LM2349.96) rapprezentanti servizzi rezi lilha da parti tas-socjeta’ attrici fuq inkarigu taghha stess;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Lulju tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena kkalkolati mill-1 ta' Lulju tas-sena 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament limitatament ghall-ispejjez stante li cediet it-talbiet ghas-sorte u l-imghaxijiet originarjament mitluba fl-avviz odjern stante pagament fil-mori tal-kawza u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-7 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta fir-rigward tal-ispejjez u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ispejjez fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------